Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Civili numru:- 267/2009AE

**Anthony Ciantar**

**vs**

**Mary Louise Ronsisvalle u Dr. Patrick Valentino li gie nominat bhala Kuratur Deputat b'digriet tat-12 ta' Lulju 2010 biex jirraprezenta l-eredita' gjacenti ta' Gianfranco (Janni) Ronsisvalle li miet fil-mori tal-kawza**

L-Erbgha, 24 ta' Frar 2016

Permezz ta' Avviz datat 21 ta' Lulju 2009 ir-rikorrent talab lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex tikkundanna lill-intimati jhallsuh is-somma ta' ghaxart elef seba' mija u hamsin Ewro (Eur10,750) liema somma l-intimati Ronsisvalle kienu ssellfu ghall-htigijiet tan-negozju taghhom u liema self gie miftiehem permezz ta' skrittura privata datata 24 ta' Gunju 2008. Skont din l-iskrittura privata dan l-ammont kellu jithallas kollu lura lir-rikorrent sa mhux aktar tard mill-ahhar t'Awissu 2008. Il-konjugi Ronsisvalle ghamlu zewg pagamenti akkont tas-somma globali permezz ta' zewg cekkijiet tal-HSBC numri 780 u 781 iffirmati minnhom it-tnejn, wiehed ta' erbat elef u hames mitt Ewro (Eur4,500) u l-iehor ta' erbat elef Ewro (Eur4,000) liema cekkijiet ma gewx onorati u gew *"refer to drawer".* L-ammont shih misluf kien ghadu ghalhekk dovut u minkejja li l-intimati kienu gew interpellati diversi drabi biex ihallsu huma baqghu inadempjenti.

Wiegbet Marisa Ronsisvalle li preliminarjament eccepiet (i) in-nullita' tal-avviz stante li dan inhareg kontra persuni ncerti u cioe' "Janni Ronsisvalle" u "M.Ronsisvalle"; (ii) in-nullita' tal-obbligazzjoni in kwantu tolqot lilha stante li hija ma kinitx tat l-adezjoni taghha ghall-iskrittura annessa mal-Avviz u lanqas il-firma fuq ic-cekkijiet esibiti mal-Avviz ma kienet taghha. Fil-mertu hija rribattiet li fi kwalunkwe kaz it-talbiet tar-rikorrent kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt.

L-intimat Gianfranco Ronsisvalle ma lahaqx prezenta risposta ghat-talbiet tar-rikorrenti ghax miet fil-bidu tal-proceduri[1]. B'digriet datat 12 ta' Lulju 2010 il-Qorti hatret lill-Avukat Patrick Valentino bhala Kuratur Deputat sabiex jirraprezenta l-eredita' gjacenti ta' Gianfranco (Janni) Ronsisvalle fl-atti tal-kawza u fl-atti l-ohra

[1] Verbal tat-3 ta' Dicembru 2009 a fol 14.

kollha relattivi u sussegwenti[2]. L-Avukat Valentino intavola eccezzjoni wahda li f'dak l-istadju huwa m'huwhiex edott mill-fatti tal-kawza pero' rrizerva li jipprezenta risposta ulterjuri fl-eventwalita' li jirnexxielu jottjeni informazzjoni dwar il-kaz. Pero' ebda risposta ulterjuri ma giet sussegwentement prezentata.

Mill-atti tal-kaz irrizulta li:

i. Fl-24 ta' Gunju 2008 permezz ta' skrittura privata Janni Ronsisvalle (K.I. 327200L) issellef is-somma ta' Eur10,750 minghand ir-rikorrent bhala *business loan* li kellu jithallas lura sal-ahhar t'Awissu 2008[3]. Wara li skada dak il-perjodu r-rikorrent beda jitlob il-hlas lura kif miftiehem izda inutilment. F'Novembru 2008 Janni Ronsisvalle ta lir-rikorrent zewg cekkijiet akkont tal-ammont dovut izda dawn ic-cekkijiet ma setghux jissarfu[4];
ii. Dawn ic-cekkijiet kienu juru l-firma tal-konjugi Ronsisvalle u mahrugin minn kont bankarju komuni bejniethom. Orginarjament il-firmatarji fuq dan il-kont kien "either to sign" izda fis-26 ta' Gunju 2007 il-bank inghata struzzjonijiet li t-tnejn li huma kellhom jiffirmaw. Fiz-zmien meta nhargu c-cekkijiet dan il-kont kien "in debit"[5];
iii. Fil-25 ta' Marzu 2009 il-konjugi Ronsisvalle iffirmaw kuntratt ghal separazzjoni tal-beni[6];
iv. Wara l-mewt ta' l-intimat Gianfranco (Janni) Ronsisvalle[7], martu rrinunzjat ghall-wirt tieghu[8]. L-istess ghamlu wliedu[9];
v. Marisa Ronsisvalle xehdet[10] li hija la taf lir-rikorrent Anthony Ciantar u lanqas qatt ma ltaqghet mieghu u ma taf xejn fuq dan id-dejn li sar mar-rikorrent. Hija cahdet ukoll li qatt iffirmat iz-zewg cekkijiet in kwistjoni u nsistiet li l-firma fuqhom mhijiex taghha. La setghet tikkonferma u lanqas tichad l-awtenticita' tal-firma ta' zewgha. Hija ammettiet li gieli wzat il-kont bankarju li minnu nhargu z-zewg cekkijiet ghall-bzonnijiet familjari. Xehdet ukoll[11] li lil zewgha bl-isem Gianfranco biss kienet tghajjatlu u sa fejn kienet taf anke terzi kienu jirreferu ghalih b'dan l-isem u mhux bhala Janni. Dwar isimha qalet li kemm fuq il-karta tal-identita' u anke fuq il-passaport isimha kien imnizzel bhala "Mary Louise Ronsisvalle".

---

[2] Fol 18
[3] Fol 2
[4] Xhieda tar-rikorrent Ciantar waqt is-seduta tal-21 ta' Frar 2011 a fol 37 et seq
[5] Xhieda ta' Audrey Ghigo, rapprezentanta tal-Bank HSBC (Malta), 7 ta' Novembru 2011 a fol 171.
[6] Fol 190
[7] 3 ta' Dicembru 2009 – verbal a fol 14 (certifikat tal-mewt mhux esibit)
[8] Nota guramentata datata 9 ta' Frar 2010 a fol 184.
[9] Noti guramentati datati 8 ta' Frar 2010 ta' Frar 2010 a fol 182 u 5 ta' Frar 2010 a fol 189.

[10] Seduta tas-17 t'April 2012 a fol 192 et seq
[11] Seduta tat-12 ta' Gunju 2012 a fol 208 et seq

B'sentenza datata 7 t'Ottubru 2013 il-Qorti tal-Magistrati ddecidiet hekk:

*"tichad l-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-konvenuta, hlief ghal dik il-parti tat-tieni eccezzjoni fejn il-konvenuta tikkontesta l-awtenticità tal-firma taghha fuq ic-cheques esebiti a fol. 31 u 32 tal-process, u tilqa' t-talba attrici u konsegwentement tikkundanna lill-konvenuta u lill-Avukat Dottor Patrick Valentino bhala Kuratur Deputat in rapprezentanza ta' l-eredità gjacenti ta' Gianfranco (Janni) Ronsisvalle, solidalment bejniethom, ihallsu lill-attur issomma ta' €10,750, bl-imghax legali dekoribbli mill-5 ta' Marzu 2009, id-data ta' l-ittra ufficjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta bin-Numru 1106/0919, sad-data ta' l-effettiv pagament.*

*L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta u mill-Avukat Dottor Patrick Valentino bhala Kuratur Deputat in rapprezentanza ta' l-eredità gjacenti ta' Gianfranco (Janni) Ronsisvalle, solidalment bejniethom."*

Dan wara li ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

i. Ghalkemm l-Avviz Promotur ma ndikax isem l-intimat Ronsisvalle b'ismu proprju u lanqas indika lill-martu b'isimha shih, mill-provi mressqa ma' kien hemm ebda dubju dwar l-identita' taghhom u ma setax jinghad li l-proceduri gew istitwiti kontra persuni ncerti;
ii. La l-ftehim bejn ir-rikorrent u l-intimat Ronsisvalle kien jirrigwarda *business loan*, dan huwa meqjus bhala att normali ta' kummerc skont il-ligi u huwa seta' validament jidhol ghal tali ftehim minghajr l-intervent ta' martu;
iii. Is-self moghti mir-rikorrent lill-intimat ikkostiwixxa obbligazzjoni fuq il-komunjoni tal-akkwisti;
iv. Ghalkemm jirrizulta mill-provi li l-firma tal-intimata fuq iz-zewg cekkijiet in kwistjoni m'hijiex taghha, u konsegwentement ma jistax jinghad li hija rratifikat il-ftehim ta' self bejn zewgha u r-rikorrent, il-pozizzjoni tar-rikorrent fil-konfront tal-eredita' gjacenti tal-intimat tibqa' ntatta in vista ta' dak li jipprovdi l-artikolu 1326(5) tal-Kap 16;
v. It-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-konjugi Ronsisvalle ma tolqotx il-ftehim tas-self u l-obbligazzjonijiet naxxenti minnu peress li tali ftehim kien gie konkluz ferm qabel;
vi. Fil-mertu t-talbiet tar-rikorrent gew pruvati.

L-intimata Ronsisvalle appellat minn din is-sentenza u ressqet aggravji dwar is-sentenza appellata u dwar digriet datat 16 ta' Lulju 2011 moghti mill-istess Qorti fil-mori tal-proceduri quddiemha. Ir-rikorrent wiegeb. Il-Kuratur Deputat ghall-eredita'

gjacenti ta' Gianfranco (Janni) Ronsisvalle ma appellax u ghalhekk is-sentenza tas-7 t'Ottubru 2013 taghmel stat fil-konfront ta' din l-eredita'. Waqt is-seduta tat-23 t'Ottubru 2015[12] id-difensuri tal-intimata appellanti u tar-rikorrent appellat iddikjaraw li m'ghandhom xejn x'izidu mar-rikors tal-appell u r-risposta rispettivi taghhom.

Il-Qorti rat l-atti.

**L-ewwel aggravju.**

L-appellanti lmentat mill-fatt li l-ewwel qorti cahdet l-ewwel eccezzjoni li biha sostniet in-nullita' tal-Avviz peress li fil-fehma taghha dan inhareg kontra persuni ncerti u cioe' "Janni Ronsisvalle" u "M.Ronsisvalle". Qalet li l-isem "Janni" m'huwiex assocjat mal-persuna ta' zewgha (ghalkemm fuq ammissjoni taghha fir-rikors tal-appell tasal taccetta r-ragunament tal-ewwel Qorti dwaru[13]). Izda ghar-rigward tat-tahrika fil-konfront taghha hija ssostni li l-ligi tipprojbixxi l-abbrevjazzjonijiet.

Il-qorti tibda biex tosserva li l-eccezzjoni minhabba l-isem M. Ronsisvalle li fl-att promotur tidher bhala konvenuta, inqaleghet minhabba nuqqas ta' mi ipprepara l-att. Hu ovvju li persuna ghandha titharrek b'isimha u kunjomha. Meta jigi pprezentat att, ir-Registratur ghandu dmir jivverifika fatt bhal dan.

Il-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jipprovdi:

"***174.*** *(1) Kull skrittura għandu jkun fiha….. (b) l-isem u l-kunjom tal-parti li tidher u tal-parti li kontra tagħha l-iskrittura ssir, u, meta hu l-każ, l-isem li fih jidhru l-partijiet:*

***176.*** *(1) L-iskritturi għandhom ikunu stampati, miktuba bit-typewriter jew miktuba bil-linka: Iżda f'kull każ għandhom jinkitbu b'karattri ċari u leġġibbli facilment, minghajr spazji vojta, kliem interlineari, abbrevjazzjonijiet jew tħassir, u, ħlief bl-awtorità miktuba tar-reġistratur mogħtija qabel il-preżentata tal-att, mingħajr korrezzjonijiet, tibdil jew żidiet."*

Il-kwistjoni tal-validita' o meno ta' att gudizzjarju trid ukoll tittiehed fl-ambitu ta' dak li jipprovdi l-artiklu **789(1) tal-Kap.12** dwar meta meta att gudizzjarju jista' jigi dikjarat null:

*"(1) L-eccezzjoni ta' nullità ta' l-atti gudizzjarji tista' tinghata:*
*(a) jekk in-nullità hija ddikjarata mil-ligi espressament;*
*(b) jekk l-att jinhareg minn Qorti mhux kompetenti;*

[12] Fol 44 tal-inkartament tal-appell
[13] Pagna 7 tar-rikors tal-appell a fol 7

*(c) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma mehtiega mil-ligi, ukoll jekk mhux taht piena ta' nullità, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun giebet, lill-parti li titlob in-nullità, pregudizzju illi ma jistax jissewwa xort' ohra hlief billi l-att jigi annullat;*
*(d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament mehtiega mil-ligi:*

*Izda dik l-eccezzjoni ta' nullità kif mahsuba fil-paragrafi (a), (c), u (d) ta' dan is-subartikolu ma tkunx tista' tinghata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistghu jissewwew taht kull dispozizzjoni ohra tal-ligi.*

*(2) L-eccezzjoni ta' nullità ta' att, taht il-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, ma tistax tinghata, meta l-parti li taghtiha tkun baqghat taghmel jew, ghad li tkun taf biha, tkun halliet li jibqghu jsiru atti ohra wara, minghajr ma teccepixxi dik in-nullità".*

Kif ammess mill-appellanti stess, il-gurisprudenza evolviet b'mod konsistenti matul is-snin sabiex tikkoncedi interpretazzjoni realistika u flessibbli ta' dawn il-provvedimenti tal-ligi li jolqtu l-kontenut u l-prezentata tal-atti fil-Qorti b'dana li, safejn hu possibbli, l-att jigi salvat u mhux annullat.

Il-kaz fl-ismijiet **Antonia Zahra vs Raymond Borg** deciz mill-Prim'Awla fid-29 ta' Settembru 2015[14] jigbor fih sintezi ta' principji li huma rilevanti ghall-vertenza odjerna fuq dan il-punt:-

*"Illi fl-ewwel lok jinghad li llum hija gurisprudenza li l-Qorti kemm jista' jkun, ghall-pratticita` u biex tigi evitata multiplikazzjoni ta' kawzi u spejjez zejda, ghandha tkun pjuttost iebsa fl-akkoljiment tal-eccezzjoni tan-nullita` u kemm jista' jkun issalva atti gudizzjarji, u att ta' citazzjoni ghandu jigi mwaqqa' u annullat biss ghal ragunijiet gravi.*

*Illi skont is-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet* ***"Michael Attard nomine vs Raymond Galea"*** *deciza fit-12 ta' Mejju, 1998 intqal illi "bhala regola, skont il-gurisprudenza ormai stabbilita, l-atti kemm jista' jkun ghandhom jigu salvati biex issir gustizzja sostanzjali fil-mertu tal-kaz" u "kif gie ritenut minn dawn il-Qrati, ir-rigorozita' procedurali, u il-formalizmu esagerat rarament huma ambaxxaturi tal-gustizzja sostanzjali u ghalhekk ma ghandhomx normalment janimaw l-andament tal-kawza" (****"Aquilina vs Cassar"*** *– Vol. LXXVI.iv.666).*

*Illi l-emendi li saru fil-ligi bl-Att XXIV tal-1995, huma mmirati proprju ghalhekk, ghaliex huwa bl-istess tibdil ovvju li l-interess tal-gustizzja fil-kaz in partikolari jigi moqdi generalment biss b'decizjoni fuq il-punt sostantattiv tal-kawza, u dak huwa dak li fil-verita' l-partijiet ikunu qed ifittxu. Ir-regoli tal-procedura jezistu biex jipprovdu l-ahjar triq sabiex id-dritt sostantattiv ikun jista' jingieb bl-ahjar u bl-izjed*

---

[14] Rik Nru 1157/2014

*mod spedjattiv ghall-konferma tieghu, u dan entro llimiti tal-ligi, u sabiex l-istess dritt ma jkunx jista' jigi abbuzat.*

*Illi ghalhekk l-ebda principju ta' gustizzja ma ghandu jhalli d-dritt procedurali jiehu s-sopravent fuq id-dritt sostantattiv, b'mod li l-formalizmu bil-mod estrem tieghu jiddetta l-effettiva ezekuzzjoni u mplimentazzjoni tal-gustizzja skont il-ligi (vide* ***"Anthony Abdilla et vs Emanuel Deguara et"*** *deciza minn din il-Qorti fl-4 ta' Marzu, 1999 (P.A. (RCP) Cit. Nru. 1998/97).*

*Illi hawn issir riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet* ***"Dottor Henry Vassallo vs Onor. Prim Ministru et"*** *(P.A.Kost. (JRM) 9 ta' Ottubru 1991. Rikors Numru 6/01/JRM) fejn inghad:*

*"Illi kif inghad f'ghadd ta' decizjonijiet tal-Qrati taghna, id-distinzjoni bejn nullita' mtella' taht il-paragrafu (c) u dik taht il-paragrafu (d) tas-sub-artikolu (1) tal-Artikolu 789, tikkonsisti fil-fatt li f'tat-tieni, l-att gudizzjarju jkun milqut minn nuqqas ta' partikolarita' essenzjali mehtiega mil-ligi, u mhux "semplici" ksur ta' forma preskritta ("**Carmelo Galea vs Pawlu Cuschieri**" – P.A. (C.S) 4 ta' Novembru 1988)".*

Fil-kaz odjern il-Qorti tinnota li:

i. Il-ftehim tas-self tal-24 ta' Gunju 2008 gie ffirmat bejn ir-rikorrent u "Janni Ronsisvalle ta' 10, Triq it-Tramuntana, Paola. K.I. Nru 327200(L)"[15];
ii. In-notifika tal-Avviz tas-Smiegh tal-proceduri fil-Qorti saret fl-indirizz 10, Triq Tramuntana, Paola lil "Janni Ronsisvalle" u "M.Ronsisvalle"[16];
iii. Ir-risposta tal-intimata saret f'isem "Marisa Ronsisvalle" K.I. Nru 613161(M) u ddikjarat li l-indirizz taghha huwa 10, Triq Tramuntana, Paola[17];
iv. Iz-zewg cekkijiet in kwistjoni kienu mahruga mill-kont bankarju fl-ismijiet "Mr G &/or Mrs M. Ronsisvalle"[18];
v. In-Notifika tal-ittra ufficjali li saret skond l-Artikolu 166A tal-Kap 12, saret fl-istess indirizz gewwa Rahal Gdid u n-Nota li permezz taghha tressqet l-oggezzjoni ghall-pretensjonijiet tar-rikorrent saret fl-isem ta' "Janni Ronsisvalle u martu M.Ronsisvalle"[19];
vi. Ir-rapprezentant tal-Bank ikkonfermat li l-karti tal-identita' tal-persuni li kellhom il-kont bankarju li minnu nhargu z-zewg cekkijiet in kwistjoni kienu K.I. 327200(L) appartenenti lil Gianfranco Ronsisvalle u K.I. 613161M appartenenti lil Marie Louise Ronsisvalle[20];
vii. In-Nota ta' rinunzja ghall-Wirt saret minn Mary Louise Ronsisvalle (KI

[15] Fol 2
[16] Fol 6-10
[17] Fol 11
[18] Fol 31 u 32
[19] Fol 34 -36
[20] Fol 167

613161(M) ghar-rigward ta' zewgha Gianfranco Ronsisvalle (I.D. 32700(L)[21];

viii. Il-kuntratt tas-separazzjoni tal-assi ukoll juri l-istess indirizz u numri tal-karti tal-identita' kif diga' citatati bhala appartenenti lil Gianfranco u Mary Louise Ronsisvalle[22];

ix. Kopja tal-passaport a fol 202 hu mahrug f'isem Mary Louise Ronsisvalle.

Fid-dawl ta' dawn il-konstatazzjonijiet ma hemm ebda dubju li "Janni Ronsisvalle" u "Gianfranco Ronsisville" huma l-istess persuna, filwaqt li "M. Ronsisvalle"/"Marisa Ronsisvalle"/"Marie Louise Ronsisvalle" huma wkoll l-istess persuna. Huwa evidenti li l-konjugi Ronsisvalle f'xi okkazjonijiet uzaw derivattivi differenti ghall-ismijiet taghhom pero' dan ma jbiddel xejn mill-identifikazzjoni cara tal-persuna taghhom. 'Il fatt li isem il-konvenuti kien Gianfranco u Marie Louise, in-nuqqas fir-rikors promotur facilment seta' gie rimedjat b'semplici korrezzjoni fl-att skond l-Artikolu 175 tal-Kap. 12 (ara proviso tal-Artikolu 789(1) tal-Kap. 12). Ghalhekk ma kienx hemm bazi biex tintlaqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta, u li dwaruh jitratta l-ewwel aggravju tal-appell.

Dan l-aggravju ghalhekk hu michud.

**<u>It-tieni aggravju</u>.**

L-appellanti hassitha aggravata bil-fatt li l-ewwel Qorti biddlet l-okkju tal-kawza biex minflok "Anthony Ciantar vs Janni Ronsisvalle u martu M.Ronsisvalle" gie jaqra *"Anthony Ciantar vs M.Ronsisvalle u Dr. Patrick Valentino li gie nominat bhala Kuratur Deputat b'Digriet tat-12 ta' Lulju 2010 biex jirraprezenta l-eredita' gjacenti ta' Gianfranco (Janni) Ronsisvalle li miet fil-mori tal-kawza".* L-appellanti qalet li bil-ligi dan m'huwiex permess. Barra minn hekk ir-rikorrent lanqas ma uzufruwixxa ruhu mir-rimedju tal-Artikolu 175 (1) tal-Kap 12 biex isewwi n-nuqqasijiet fl-atti tal-kaz.

Mill-atti tal-kawza jirrizulta li:-

i. Ir-rikorrent ressaq rikors datat 4 ta' Gunju 2010 fejn informa lill-Qorti li l-intimat Gianfranco (Janni) Ronsisvalle kien miet fil-mori tal-kawza u li minn informazzjoni li waslitlu kien jidher li l-membri kollha tal-familja rrinunzjaw ghall-eredita' tieghu. Huwa talab ghalhekk li jigu nominati kuraturi *ad litem* sabiex jirraprezentaw l-eredita' gjacenti tal-mejjet[23];

ii. Il-Qorti wara li rat ir-rikors u l-bandi laqghet it-talba u b'digriet tat-12 ta' Lulju 2010 innominat lil Dr. Patrick Valentino Kuratur Deputat sabiex

[21] Fol 184.
[22] Fol 190.
[23] Fol 20.

jirraprezenta l-eredita' gjacenti ta' Gianfranco (Janni) Ronsisvalle fl-atti tal-kawza u fl-atti kollha sussegwenti[24].

iii. Dan l-izvilupp gie rifless fl-okkju tal-kawza.

L-appellanti mhux qed taqbel mal-mod kif dan it-tibdil sehh fl-okkju. Il-qorti tosserva li:-

i. Il-bidla saret mir-Registratur in kwantu m'hemmx digriet fl-atti li ordna li mill-okkju tal-att promotur jithassru l-ismijiet *"Janni Ronsisvalle u martu M. Ronsisvalle"*.
ii. Kull m'ordnat l-ewwel qorti kienet semplicement il-hatra ta' kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-wirt battal ta' Janni Ronsisvalle li skond ma gie ddikjarat fir-rikors tal-4 ta' Gunju 2010 (fol. 20) li pprezenta l-appellat, miet fil-mori tal-kawza. Ladarba saret in-nomina tal-kuratur deputat hu ovvju li kellha ssir korrezzjoni fl-okkju sabiex tirrifletti tali nomina.

'Il fatt jibqa' li ghall-kawza kienu parti l-persuni li kellhom ikunu parti ghaliha, u cjoe:-

i. L-attur Anthony Ciantar
ii. Marie Louise Rosinsvalle.
iii. Dr Patrick Valentino bhala kuratur tal-wirt battal.

L-okkju qieghed jirrifletti proprju tali fatt.

Dan l-aggravju hu michud.

**<u>It-tielet aggravju</u>.**

Permezz ta' dan l-aggravju l-appellanti tilmenta mill-apprezzament tal-provi u l-interpretazzjoni li l-ewwel Qorti tat lill-provvedimenti applikabbli tal-ligi.

Jigi rilevat fl-ewwel lok li Qorti tal-Appell ma tiddisturbax l-apprezzament ta' Qorti ohra sakemm ma jkunx manifestament irragjonevoli kif intqal fost ohrajn fil-kaz **Paul Buttigieg vs Anglu Saliba et** deciz fil-15 ta' Gunju 2011 –

*"in-norma hija li din il-Qorti, bhala Qorti tal-Appell mhux normali li tiddisturba dan l-apprezzament hlief meta dan ikun manifestament zbaljat u/jew ghar-ragunijiet gravi, b'mod li jkun jista' jinghad li a bazi tal-provi prodotti, l-Ewwel Qorti ma setghetx ragonevolment tasal ghal konkluzzjoni li waslet ghaliha, b'dan li tkun ser issir*

---
[24] Fol 18

*ingustizzja lejn il-partijiet fil-kawza."*

L-appellanti ssostni li l-Ewwel Qorti trattat b'mod legger wisq il-fatt li wahda mill-firem fuq zewg cekkijiet mahrugin mill-kont komuni tal-konjugi ma kinitx tappartjeni lilha. Il-Qorti ma taqbilx. L-ewwel Qorti kkonstatat dan il-fatt fil-kuntest ta' dak li kien rilevanti ghall-kaz civili li kellha quddiemha, u cioe' li fi kwalunkwe kaz in-nuqqas ta' kunsens tal-appellanti ghall-ftehim tas-self huwa rilevanti biss ghall finijiet ta' rimedju disponibbli ghaliha fil-konfront ta' zewgha izda mhux ghal dak li jolqot lil terzi.

Il-qorti kkonkludiet li s-self li sar mill-appellat lir-ragel tal-appellanti, kien relatat man-negozju li kellu. Osservat ukoll li, *"In-natura tas-self kif rizultanti mill-iskrittura privata ffirmata minn Janni Ronsisvalle u kif imfissra mill-attur ma giet bl-ebda mod kontradetta la mill-konvenuta, li semplicement illimitat ruhha li tghid li ma kienx taf b'xejn dwar dan is-self, u lanqas mill-kuratur…. Ghalhekk il-qorti hija tal-fehma li fid-dawl ta' dak li jirrizulta mill-iskrittura privata imsemmija, u cioe' li s-self kien business loan, liema skrittura kif inghad giet iffirmata minn Janni Ronsisvalle, necessarjament ghandha tirreferi ghal u tapplika dak provdut fl-Artikolu 1324 tal-Kap. 16….".* Konkluzjoni li l-qorti setghet taghmel in vista tal-provi li tressqu quddiemha.

L-appellanti ssostni wkoll li l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li d-dispozizzjonijiet tal-artikolu 1324 tal-Kap 16 jkopru l-ghoti ta' self kienet wahda mgebbda:

***"1324.** Atti normali ta' ġestjoni ta' kummerċ, negozju jew professjoni li jkunu qed jigu eżerċitati minn parti waħda biss mill-miżżewġin, ikunu vestiti biss f'dik il-parti li fil-fatt tkun qed teżerċita dak il-kummerċ, negozju jew professjoni anke fejn dawk l-atti kieku ma kenux magħmula in relazzjoni ma' dik is-sengħa, negozju jew professjoni kienu jikkostitwixxu amministrazzjoni straordinarja."*

Il-Kap.376 tal-Ligijiet ta' Malta jirregola l-attivita' tal-Istituzzjonijiet Finanzjarji izda dan imkien ma jipprekludi atti ohra ta' kummerc bejn individwi privati inkluz self ta' flus *brevi manu* ghal ghanijiet ta' negozju purche' li ma jigux miksura d-dispozizzjonijiet generali tal-ligi bhal per ezempju rata ta' imghax, fejn applikabbli, li ma tkunx teccedi l-massimu mpost mill-ligi. Il-qorti ma taqbilx. B'zieda mal-gurisprudenza citata mill-ewwel Qorti issir referenza ghal kazistika ohra fosthom dak fl-ismijiet **Nazzareno sive Leslie Cardona vs Massimo u Maria Sonia konjugi Zahra**[25] li wkoll kien jolqot self ghal finijiet ta' negozju (*air conditioners)* mir-ragel *ad insaputa* tal-konjugi tieghu. Il-Qorti kkonfermat l-applikabilita' tal-artikolu 1324 tal-Kodici Civili ghall-kaz u kkonkludiet ukoll li s-separazzjoni tal-assi f'data

[25] Prim Awla tal-Qorti Civili (Imhallef L. Schembri Orland), deciza 30 ta' Settembru 2014 (Cit 284/2006)

sussegwenti ghas-self ma kellu ebda effett fuq l-obbligazzjoni li kienet lahqet giet stabbilita fuq il-komunjoni tal-akkwisti:

*"Bl-artikolu 1324 tal-Kap 16, ghalhekk, il-komunjoni tintrabat fil-konfront tat-terz, anke meta att straordinarju jsir minn konsort wiehed biss, basta li jkun att "normali ta' gestjoni ta' kummerc". (Vide wkoll Claudette Gauci -vs- Paolo Bonnici Limited et, PA per Imhallef Tonio Mallia deciza fid-9 ta Ottubru 2003). F'tali kaz it-terz kreditur jista' idur fuq l-assi tal-komunjoni u, in subordine jdur fuq il-beni personali ta' dak biss fost il-konjugi li ghamel in-negozju u ndahal fir-responsabbilta` kontrattwali diretta. Il-mara, il-konvenuta f'din il-kawza, hija responsabbli sal-konkorrenza ta' sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti jekk is-self hu kkonsidrat bhala "att normali ta' gestjoni tal-kummerc".*

*....*

***Din il-Qorti hi konvinta li self maghmul ghall-iskop tan-negozju ta' airconditioners gestit mill-intimat jaqa' fil-parametri ta' att normali ta' gestjoni ta' kummerc' kif trid il-ligi[26].***

*....*

*Min-naha l-ohra, filwaqt li hu minnu li l-intimati rregolaw ir-regim patrimonjali taghhom b'kuntratt ta' separazzjoni tal-beni in atti tan-Nutar Dottor Rachel Mallia (DOK MSS), dan jgib id-data tat-30 ta' Jannar 2006 u jsir bla hsara ghad-drittijiet ta' terzi akkwisti qabel ir-registrazzjoni tal-istess Att. Ghalhekk ma johloqx stat ghar-rikorrent li jista' jdur kontra l-assi tal-komunjoni, inkluz dawk li gew assenjati lill-intimata, biex jissoddisfa l-kreditu antecedenti tieghu.*

*Rigward ir-responsabbilta' solidali tal-mizzewgin ghad-djun tal-komunjoni tal-akkwisti il-Qorti tabbraccja l-insenjament moghti fil-kawza fl-ismijiet Carmel sive Charles Sciberras v Yossef u Romina Rhouri (App. Civili (Inf.) nru 81/2003/1 - dec. fid-9 ta' Novembru 2005) fejn il-Qorti irribattiet li:*

*"Taht ir-regim matrimonjali taghna l-unika deroga fejn ma jistax jinghad li tezisti din is-solidarjeta` huwa l-kaz kontemplat fl-Artikolu 1329 (1) tal-Kapitolu 16, u cjoe fir-rigward ta' djun li jsiru minn xi hadd fost il-konjugi u li ma jitbatewx mill-komunjoni ta' l-akkwisti ".*

Il-Qorti tqies li l-konsiderazzjonijiet li ghamlet l-ewwel qorti u l-konkluzjoni li waslet ghaliha, hi korretta.

L-appellanti qalet ukoll: *"…. huwa censurabbli l-mod kif l-ewwel qorti qieset il-kwistjoni tar-ratifika tacita tal-obbligazzjoni inkors mill-mejjet Gianfranco Ronsisvalle da parti tal-esponenti….".* Ilment li hu ghal kollox infondat. Il-qorti ghamlitha cara li

[26] Tipa grassa b'enfasi tal-Qorti

ghal dak li jikkoncerna c-cekkijiet li hemm a fol. 3, dawn ma setghu qatt iwasslu ghal ratifika tacita tal-obbligazzjoni ta' Gianfranco Ronsisvalle, ghaliex il-firem M. Ronsisvalle ma kienux tal-appellanti. Il-qorti kkonkludiet li ghalhekk ma kienx hemm ratifika tal-obbligazzjoni. Ghalhekk din il-qorti tifhimx kif l-appellanti qeghda tilmenta minn dik il-parti tas-sentenza tal-ewwel qorti li titratta dwar kienx hemm ratifika tacita min-naha tal-appellanti. Il-konkluzjoni tal-ewwel qorti hi li ma kienx hemm. Dak li mbaghad osservat l-ewwel qorti fir-rigward tal-Artikolu 1326(5) tal-Kodici Civili, ma kien tal-ebda konsegwenza ghall-ezitu tal-kaz.

L-appellanti qalet li l-ewwel qorti kienet skartat l-import tal-kuntratt ta' separazzjoni. Dak il-kuntratt gie ppubblikat fil-25 ta' Marzu 2009, cjoe' wara li kien sar is-self. Ghaldaqstant, kien jezisti qabel giet terminata l-komunjoni tal-akkwisti. Inoltre, dak li ftehemu l-konjugi Ronsisvalle ma jista' qatt ikun ta' pregudizzju ghat-terz li ma kienx parti ghalih. 'Il fatt li f'dak il-kuntratt gie ddikjarat li r-ragel kien qieghed jaccetta li jaghmel tajjeb *"…. any other debts which may have been incurred by the Husband or which burden the community of acquest"*, m'huwiex bizzejjed gialadarba l-appellat ma kienx parti ghal dak il-kuntratt.

Ghalhekk l-ilment tal-appellanti hu frivolu.

Dan l-aggravju hu michud.

**<u>L-aggravju tal-appellanti dwar digriet li qalet li nghata fis-6 ta' Lulju 2011.</u>**

Ma jezisti ebda digriet li jgib id-data tas-6 ta' Lulju 2011 fl-atti tal-kawza. Presumibbilment l-appellanti qeghda tirreferi ghad-digriet tal-ewwel Qorti tat-12 ta' Lulju 2010 u li permezz tieghu gie nominat Dr Patrick Valentino biex jirraprezenta lill-eredita' gjacenti ta' Gianfranco (Janni) Ronsisvalle.

L-ilment tal-appellanti hu li l-okkju ma kellux jigi sostitwit ghar-rigward tal-intimat zewgha ghax dan kellu l-effett li varja ismu minn kif kien indikat originarjament fl-Avviz.

Il-Qorti diga' ppronunzjat ruhha dwar dan il-punt u m'ghandha xejn x'izzid dwaru. Ma jirrizulta ghalhekk ebda fondament fl-argument tal-appellanti taht dan l-aggravju.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul